MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 627/2002/1

**Peter Heinz Eglhofer, iben il-mejjet Heinz Leopold Eglhofer, imwieled l-Awstrija, cittadin Awstrijak, jahdem Malta, I.D. Nru 20432 (A).**

**vs**

**Diane Mary Eglhofer sive Diane Mary Eglhofer Cilia, I.D. Nru 364387 (M), mart l-attur Peter Heinz Eglhofer, bint Edward Cilia.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi l-attur inghaqad fiz-zwieg mal-konvenuta nhar Gimgha, 3 ta’ Frar, 1995, numru ta’ registrazzjoni taz-zwieg taghhom fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valleta, gewwa Malta, 92/1995 u dan a bazi tad-dokument anness

bhala Dok EHP1, kif jirrizulta mill-Elenku ta’ Dokumenti, kopja fotostatika vera kopja ta’ l-original;

2. Illi mir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, bi qbil bejn il-partijiet, ma kien hemm ebda tfal, u dan peress li ghal ragunijiet ta’ pjan finanzjarju, il-partijiet kienu qablu li jistennew sakemm jitlestew certu progetti imbaghad jibdew jahsbu ghat-tfal;

3. Illi l-attur kien Ufficjal mal-qawwiet tal-paci tal-Gnus Maghquda fil-Golan Heights gewwa s-Sirja u l-konvenuta kienet tirresjedi hawn Malta fejn f’dawn ic-cirkostanzi inizjat relazzjoni intima ma’ ragel u gharfet dan kollu lil zewgha ftit qabel il-Milied tas-sena 2001;

4. Illi l-kontendenti konjugi Eglhofer kienu fil-frattemp xtraw dar, wara li ottjenew self dak iz-zmien mill-Lohombus Bank Limited, liema dar huma akkwistawha minghand omm konvenuta, Josephine Cilia, dak iz-zmien diga` legalment mifruda minn zewgha Edward. Premess illi dan sehh fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Elizabeth Sciriha permezz ta’ Att Pubbliku ta’ nhar 6 ta’ Gunju, 1998, esebit u mmarkat bhala Dok. EHP2. skond kif jirrizulta mill-elenku ta’ dokumenti, liema dokument huwa fotokopja ta’ l-original.

5. Illi l-hlas ghal din id-dar konjugali skond kif jirrizulta mill-kuntratt sar kollu mill-qliegh ta’ hidmet l-attur bhala Ufficjal fil-korp ghaz-zamma tal-paci tal-Gnus Maghquda, kif ifisser l-istess atttur fl-mori tal-kawza, u anke a bazi tad-Dok EHP 3 li qed jigi esebit ma’ l-Elenku ta’ Dokumenti fejn hemm imfisser il-flus illi inhargu bejn is-6 ta’ Gunju, 1998 u s-7 ta’ Lulju 2001, salv xi bilanc li jista’ jkun ghadu dovut kif jigi spjegat.

6. Illi l-kontenut tal-mobbli u mobilja tad-dar konjugali kienu gew mibjugha mill-konvenuta ad insaputa ta’ l-attur waqt li dan ta’ l-ahhar kien qed jahdem barra minn Malta bi qbil mal-konvenuta, liema mobbli u mobilja kienu jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti pero` kienu nxtraw mill-qliegh tal-hidma ta’ l-istess attur. Premess illi generalment dawn l-oggetti kienu approssimament

ammontanti ghal madwar seba' mitt lira Maltin (Lm700), u dan skond ma jindika l-anness Dok. EHP 4 kif mehmuz ma' l-Elenku ta' Dokumenti, u imhejji mill-istess attur innifsu.
7. Illi wara diversi tentattivi biex l-attur jipprova jikkonvinci lill-konvenuta biex tbiddel il-hajja adultera taghha, waqt li hu kien lest illi jahfrilha, li-konvenuta minflok irremedjat sahansitra marret tghix mas-sieheb taghha fl-Ingilterra u effettivament abbandunat id-dar konjugali, fatt li ikkonfermatu sussegwentament quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u kif jirrizulta mill-istess Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, Digriet Numru 88/2002 - datat 22 ta' Jannar, 2002, kif jirrizulta minn Dok. EHP 5 li jinsab mehmuz fir-raba' parti ta' din ic-citazzjoni odjerna.

8. Illi l-attur la jifhem bil-Malti, la jaqra u jitkellem bil-Malti, pero` biex jigu iffrankati l-ispejjez ikkonferma l-fiducja fl-Avukati tieghu u hlief ghal meta jkun hemm bzonn, il-proceduri ghandhom jibqghu jsiru bl-ilsien Malti.

9. Illli apparti mill-adulterju, il-konvenuta hija hatja li kisret l-aspetti kollha ta' l-**artikolu 40** kif ukoll l-**artikolu 41 tal-Kodici Civili**, u ghaldaqtstant din il-kawza qeghda issir fil-parametri ta' l-**artikoli 38, 40 u 41, tal-Kodici Civili, Kap. 16** tal-Ligijiet ta Malta.

10. Illi debitament awtorizzat biex jipprocedi ghall-firda legali kontra l-konvenuta, l-attur qieghed jipprocedi bil-kawza tieghu odjerna u f'dawn ic-cirkostanzi qed jesebixxi kopja legali tad-digriet numru 88/2002, kif mehmuz ma' l-Elenku tad-Dokumenti u ndikat bhala Dok. EHP 6.
Illi ghalhekk l-istess attur jghid lil din l-Onorabbli Qorti illi:-

i) Hemm ragunijiet legalment fondati li jiggustifikaw il-firda legali ta' bejn il-kontendenti konjugi Eglhofer, abbazi ta' l-**artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta, b'tort unikament attribwibli lill-konvenuta;

ii) Iz-zwieg mertu ta' din il-firda legali huwa l-ghaqda konjugali li sehhet a bazi tad-dokument mehmuz u esebit bhala Dok EHP1;

iii) Stante li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minghajr ebda` tama ta' rikonciljazzjoni b'tort tal-konvenuta, il-konvenuta ghandha tigi deprivata minn kwalsiasi dritt tal-komunjoni spettanti lilha u partikolarment id-dritt tal-manteniment, id-dritt li tirresjedi fid-dar konjugali, u dawk id-drittijiet li hija ghandha tigi meqjusa li ddekadiet minnhom a bazi ta' **artikoli 48** tal-Kodici Civili bis-sub-artikoli u l-paragrafi fl-intier taghhom kif ukoll l-**artikoli 55 u 55A**.

iv) L-attur ghandu jibbenefika mid-dritt konjugali tieghu li jibqa' jirresjedi fid-dar konjugali gewwa l-Mosta, bl-indirizz "La Paloma", Sghatar Road, u anke jigi ikkumpensat ghall-kreditu li l-istess attur ghandu fuq il-komunjoni *stante* li kien huwa li hallas ghad-dejn kollu li kien hemm fuq id-dar konjugali (u li jista' ghad ikun hemm) kif jirrizulta tul is-smiegh tal-provi;

v) Ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Eglhofer, b'mod illi din ghandha tinqasam f'dak il-proporzjon skond il-hidma ta' kull parti u skond kif kull parti hallset a bazi tal-hidma taghha, kif jirrizulta mill-provi;

vi) Il-konvenuta ghandha tigi ordnata definitivament biex tallontana ruhha mid-dar konjugali bl-indirizz "La Paloma", Sghatar Road, gewwa l-Mosta, u li anke tilfet kull dritt spettanti lilha ghal xi forma ta' manteniment da parti ta' l-attur zewgha;

vii) L-attur ghandu jibqghalu d-dritt li jitlob lill-konvenuta jekk ikun hemm bzonn biex tivversalu retta alimentari skond il-mezzi finanzjarji taghha u c-cirkostanzi tal-hajja socjali tal-kontendenti;

viii) Fl-eventwalita' li l-konvenuta tibqa' kontumaci wara li tigi debitament notifikata b'din ic-citazzjoni odjerna, il-Qorti ghandha tahtar u tinnomina minnufih il-kuraturi deputati li lilhom ikun imiss it-turn jew skond kif tipprovdi l-istess Qorti biex ma jkunx hemm hela ta' hin u zmien fil-prosegwiment tal-proceduri ta' din il-kawza odjerna;

ix) It-talba precedenti ghandha tapplika ukoli ghall-atti kollha rizultanti, konsegwenzjali, sussegwenzjali, ancillari u incidentali konnessi direttament u/jew indirettament mac-citazzjoni odjerna;

x) L-attur m'ghandux ibaghti ebda forma ta' spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra-gudizzjarji, u dan peress illi wara li l-konvenuta farket irrimedjabbilment dan iz-zwieg, hija irrifjutat li tasal ghal- separazzjoni konsenswali *considerando* l-ammissjoni ta' l-adulterju taghha u l-abbandun mid-dar konjugali, mehud in konsiderazzjoni l-provi kollha illi hemm;

xi) Il-konvenuta ghandha tirreverti ghal kunjom xbubita ossia Cilia u dan fid-dawl ta' **Artikolu 62** tal-Kodici Civili billi l-uzu tal-kunjom rari f'Malta specjalment ta' l-attur jista` jippregudika serjament l-interessi kollha ta' l-attur;

xii) Ghandhom jigu ivversati l-propjeta` parafernali, personali u dotali individwalment appartenti lil kull parti, minghajr pregudizzju ghall-konkluzjonijiet dwar talbiet maghmula mill-attur aktar 'il fuq;

xiii) Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni u jsiru dawk l-atti kollha rilevanti biex it-talbiet ta' l-attur kif hawn fuq suespost jigu kollha salvagwardati a skopijiet kollha tal-ligi;

xiv) Il-konvenuta ghandha tigi ordnata trodd lura jew tikkumpensa lill-attur dak kollu li ghandha trodd lura jew tikkumpensah ghalihom skond kif jirrizulta mill-provi prodotti;

12. Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mill-attur kontra l-konvenuta Diane Mary Eglhofer Cilia li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

13. B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra l-konvenuta naxxenti minn dak li jirrizulta fid-dawl ta' din ic-citazzjoni odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 6 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 8 sa 33 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta ta' l-1 t'Ottubru 2002 a fol.  39 fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:

(1) Illi in linea preliminari c-citazzjoni hija nulla *stante* illi giet ipprezentata fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti meta l-konvenuta kienet assenti minn dawn il-Gzejjer bhal ma sejjer jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

(2) Illi, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi Eglhofer tkisser b'mod irrimedjabbli tort unikament ta' l-attur, bhal ma sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

(3) Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel li ghandha tirreverti ghal kunjomha ta' xebba;

Ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 40 u 41 tal-process;

Rat il-verbali tal-21 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti ssuggeriet li l-partijiet ghandhom jirregolaw ruhhom dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni fuq l-istess, ghat-13 ta' Frar 2003; tat-13 ta' Frar 2003 fejn il-konvenuta ddikjarat li tibqa` ssostni l-ewwel eccezzjoni u l-partijiet jaqblu li l-kawza tista` tibqa` differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghad-29 t'April 2003.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-13 ta’ Frar 2003; fejn l-attur irriduca t-talbiet tieghu u talab li:-
1. Il-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Eglholfer hija legalment gustifikata a bazi ta’ l-**artikoli 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, b’tort unikament attribwibbli lill-konvenuta fir-rigward taz-zwieg li sehh bejn il-kontendenti;

2. Il-konvenuta ghandha tigi deprivata minn kwalsiasi dritt tal-komunjoni spettanti lilha u partikolarment id-dritt tal-manteniment, id-dritt li tirresjedi fid-dar konjugali u dawk id-drittijiet li hija ghandha tigi meqjusa li ddekadiet minnhom a bazi ta’ l-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili, kif ukoll l-atikoli 55 u 55A ta’ l-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

3. L-attur ghandu jibqa` jirresjedi fid-dar konjugali gewwa l-Mosta, sitwata f’”La Paloma”, Sghatar Road, fil-Mosta u anke peress li kien l-istess attur li hallas esklussivament ghal xiri ta’ din l-istess dar konjugali, apparti mill-kontenut tat-talba precedenti;

4. Ghandha tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti skond il-ligi u a bazi tal-provi kif prodotti, il-konvenuta ghandha tigi ordnata biex tallontana lilha infisha definittivament mid-dar konjugali kif indikata, u li l-konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia ‘Cilia’ a terminu ta’ l-**artikolu 62 tal-Kodici Civili**;

5. L-attur ghandu jinghata wkoll il-propjeta` parafernali u personali li kellu qabel iz-zwieg fid-dawl tal-provi li jirrizultaw.

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mill-attur kontra l-konvenuta Eglhofer Cilia Diane Mary li minn issa tigi ngunta nsubizzjoni.

B’rizerva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra l-konvenuta naxxenti minn dak li jirrizulta permezz tal-provi mresqa fic-citazzjoni odjerna.

Rat ix-xhieda li tat il-konvenuta bil-gurament, *on tape*, seduta *stante* fit-13 t'Ottubru 2003;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha pprezentat kopji ta' pagni tal-passaporti taghha li juru li hi telqet minn Malta fl-4 t'April 2002 u li rritornat fl-14 ta' Settembru 2002;

Rat in-nota ta' l-attur tat-12 ta' Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Bernard Deguara;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### II) PROVI PRODOTTI.

Fl-affidavit tieghu **Bernard Deguara** jghid:-

*"Illi jiena ili naf lill-attur ghal aktar minn seba` snin. Meta sirt nafu kien ghadu kemm izzewweg lill-konvenuta. Nixtieq nippreciza per ezempju, li fil-25 ta' Ottubru 2001, jiena kont hadt lill-attur li kien ghadu kif wasal minn Vjenna fit-Taxi li ghandi, mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fl-indirizz residenzjali tieghu "La Paloma", fi Triq is-Saghtar gewwa l-Mosta.*

*Illi malli wassaltu f'din ir-residenza l-attur kien stedinni biex nidhol ghandu, u peress li jiena kont habib tal-familja ghal numru ta' snin, jien nista` nghid li familjari hafna mal-mod kif il-post huwa mqassam gewwa. Nixtieq nghid li bqajt ixxukjat meta dhalt fid-dar tas-Sur Peter Egelhofer ghaliex kien ovvju li d-dar kienet fi stat assolut t'abbandun, u li kien ilu ma jsir fiha xi forma ta' manutenzjoni ghal zmien twil.*

*Illi nixtieq ninforma li s-Sur Peter Egelhofer kien Ufficjal ma' l-Armata tal-Gnus Maghquda li kienet qed taghti*

*servizz fil-gwerra tal-Balkani u fejn allura s-Sur Egelhofer ma kienx Malta ghal perjodu twil waqt li kien qed jaghti dan is-servizz. U ghalija kien ovvju li d-dar kienet abbandunata.*

*Illi familjari wkoll ma' dak illi kien hemm fid-dar bhala mobbli u mobbilja, u stajt ninnota mill-ewwel li diversi minn din il-mobbli u mobbilja ma kenitx ghadha hemm. Per ezempju fost dawn kien hemm il-kamra tal-kcina bil-unit b'kollox, unit iehor ta' mal-hajt u siggijiet ghal idejn fil-kamra li tissejjah il-'living room', televizjoni, purtieri u kif ukoll diversi ornamenti li kien hemm fid-dar.*

*Illi aktar tard meta jiena staqsejt lill-attur jekk kienx jaf min kien ha dawn l-affarijiet, l-attur kien qalli li dawn l-affarijiet kienu ttiehdu minn martu u li nbieghu mill-istess martu, ghad illi jiena personalment dan ma nistax nikkonfermah bil-gurament tieghi stante li jiena ma nafx jekk tabilhaqq martu bieghethomx jew le.*

*Illi kien iddispjacieni tabilhaqq li s-sitwazzjoni bejn il-konjugi Egelhofer kienet waslet fiex waslet, pero` l-iskop ta' l-affidavit tieghi huwa li nikkonferma li d-dar kienet ilha ghal perjodu ta' zmien abbandunata, li l-konvenuta ma baqghetx toqghod fid-dar fl-indirizz fuq indikat, minghajr ma' zewgha kien jaf xejn billi dan kien qed jaghti servizz barra minn Malta, u li naturalment din is-sitwazzjoni niktet hafna lill-attur illi huwa habib tieghi kif kienet il-familja tieghu nkluz il-mara tieghu.*

*Illi dak kollu li nista` nghid bil-gurament."*

Illi din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fejn hija qed isostni li l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett *stante* li fil-mument li giet prezentata c-citazzjoni attrici, l-istess konvenuta kienet barra minn Malta.

Illi fil-fatt l-istess konvenuta xehdet fis-seduta tat-13 ta' Frar 2003 u kkonfermat l-assenza taghha minn Malta fid-data tal-prezentata tal-azzjoni attrici u dan peress li giet

Iura f'Settembru 2002, u sostniet li ghandha proprjeta' Malta, u ghandha il-familjari taghha Malta u fil-fatt tghix ma' ommha f'Malta. Sostniet li ghandha *dual passport,* u tghix kemm Malta u kemm barra minn Malta.

Illi apparti l-fatt li l-istess konvenuta kien prezenti ghall-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti konsegwenti ghar-rikors ghall-awtorizazzjoni tal-proceduri ta' separazjoni quddiem din il-Qorti, kif jirrizulta mid-Digriet ta' l-istess Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 22 ta' Jannar 2002.

Illi jidher li l-istess konvenuta giet debitament notifikata fis-26 ta' Settembru 2002 u dan personalment fl-indirizz ta' ommha Jessica Cilia "Dawn Lake", Triq il-Htajriet, Mosta, (*a tergo* fol. 37) u li l-istess konvenuta pprezentat l-eccezzjonijiet taghha fl-1 ta' Ottubru 2002, u b'hekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuta accettat il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, apparti dak li hemm provdut fil-provizzjonijiet tal-**artikolu 741 tal-Kap 12.**

Illi apparti minn dan, il-konvenuta ma rreferiet ghall-ebda artikolu tal-ligi fejn tirrizulta tali nullita' eccepita ta' l-istess att abbazi ta' l-allegazzjoni taghha li hija ma kenitx prezenti Malta meta l-istess citazzjoni attrici giet attwalment prezentata, u *ai termini* ta' l-**artikolu 789 tal-Kap 12** ma jidhirx li hemm kaz li tali eccezzjoni ta' nullita' tista' tigi akkolta peress li ma jidhirx li jikkonkorru d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 789 (1) tal-Kap 12** u partikolarment tali allegata nullita'; m'hijiex dikjarata espressament mill-ligi.

Illi fuq kollox jidher li f'kazi fejn il-konvenut jew il-konvenuta jkun jew tkun assenti minn Malta hemm dispozizzjonijiet ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex l-istess citazzjoni jew att procedurali jigi notifikat u dan *inter alia* skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 158 (10) u l-artikolu 929 tal-Kap 12,** fejn fl-ahhar artikolu hemm riferenza ghall-persuni assenti minn Malta wkoll, pero' apparti l-kwistjoni ta' rapprezentanza dan jirreferi wkoll ghall-kwistjoni ta' notifika ta' l-att in kwistjoni, li certament m'hijiex il-kwistjoni odjerna peress li l-konvenuta giet

notifikata personalment u pprezentat l-eccezzjonijiet taghha, wahda minnhom propja dik odjerna.

Illi ghalhekk ma jidhirx li hemm bazi ta’ nullita’ ta’ l-azzjoni attrici f’dan il-kaz, anke jekk il-konvenuta fid-data tal-prezentata ta’ l-azzjoni attrici kienet barra minn Malta, u fil-fatt m’hemm l-ebda disposizzjoni fil-**Kodici Civili** li tipprovdi ghal tali nullita’ u ghalhekk l-ewwel eccezjoni tal-konvenuta dwar in-nullita’ tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta** fejn eccepiet in-nullita’ tac-citazzjoni attrici *stante* li fid-data tal-prezentata ta’ l-istess hija kienet assenti minn Malta, *stante* li hija infondata fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta’ din id-decizjoni a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------